# Filosofija u Xbihat f'Dun Karm
# "Itektek bil-Għasluġ…"

Professur Peter Serracino Inglott
B.A., B.D., M.A.(Oxon.), Ph.D.(Milan)

Taħdita mogħtija fl-Università
fl-10 ta' Ottubru 1989

Madwar erbgħin sena ilu qrajt għall-ewwel darba *Il-Jien u Lil Hinn Minnu*. Fit-tieni vers, il-kelma "għasluġ" bagħtitni nqalleb fil-manuskritt tal-Miklem. Hemm sibt li "għasluġ" huwa "fergħa ġdida rqiqa u milwija f'zokk ta' siġra". Jew inkella li tinqata' miz-zokk għal wieħed minn żewġ użi prinċipali. Jew biex tintuża bħala bastonċin jew ħatar żgħir, mhux biex isserraħ fuqu, għax irqiq u jiltewa; imma sewwasew kif jużah l-agħma: biex itektek bih ħalli ma jiħux pass fil-vojt, biex jiżgura ruħu li quddiemu hemm is-sod. Jonkella l-għasluġ jinqata' miz-zokk ta' siġra, pereżempju tas-simar jew taż-żafżaf (siġra "tal-ġens 'Salicaceae', li tikber f'artijiet niedja, twarrad f'Jannar, komuni fil-Ġnejna"); jinqata' biex jintuża bħala frosta, jonkella bħala bakketta, bħala l-għodda tas-sewwieq jew tal-mexxej, tas-surmast tal-banda jew tal-orkestra, tar-rajjes li jrid iħabbat biha r-ritmu tad-daqq u biha jqejjes iż-żmien, virga li titħaddem bħala strument metroloġiku.

L-għasluġ huwa, għalhekk, għajnuna biex jintlaħqu fl-istess waqt żewġ skopijiet, u jiżżewġu flimkien: il-moviment u r-ritmu, il-mixja 'l quddiem u l-kejl, it-tiftix ta' direzzjoni u t-tnissil tal-ordni. Żewġ skopijiet marbuta maż-żewġ organi essenzjali tal-bniedem. Il-moviment, il-mixja 'l quddiem, it-tiftix ta' direzzjoni mal-moħħ li jaħseb; ir-ritmu, il-kejl, it-tnissil tal-ordni mal-qalb li tħobb.

Hekk ħassejt li fhimt is-sens tal-ħoss tal-għasluġ li nisimgħuh itektek fit-tieni vers ta' *Il-Jien u Lil Hinn Minnu*. U fhimt aktar għaliex dan il-poema huwa l-kapolavur ta' Dun Karm, u mhux biss l-itwal fost il-mijiet li kiteb, anzi fil-fehma tiegħi (mhux waħdi!) l-aqwa poeżija li nkitbet s'issa bil-Malti. L-għasluġ itektek huwa s-simbolu tal-poeżija nfisha, jew għall-inqas tal-poeżija kif kien jixtieqha Dun Karm. Fil-poeżija jrid li jkun hemm ħsieb oriġinali: l-għasluġ, fergħa *ġdida*; ħsieb flessibbli: l-għasluġ fergħa rqiqa tiltewa, u bih torjenta ruħha r-riċerka; imma wkoll l-għasluġ itektek bil-qies u l-ħeffa tal-metronomu ħaj tal-imħabba; bis-sistole u d-distole tal-qalb. Hekk il-Poeżija tkun tabilħaqq l-espressjoni tal-unità tal-bniedem, tal-integrità tal-eżistenza umana, tal-laqgħa u taż-żwieġ fiha tal-intelliġenza u tar-rieda ħielsa.

L-ewwel, il-ħsieb li jfittex. Poeżija hija speċi ta' vjaġġ misterjuż. Vjaġġ li jieħdok fejn ma kontx taf li sejjer, f'siegħa li ma kontx tobsorha, f'qigħan li altrimenti ma jintlaħqux. Vjaġġ mirakoluż li bih u fih kull ħaġa li tiġi taħt għajnejk, tkun qisek taraha għall-ewwel darba, bħallikieku jitneħħa velu minn quddiemha.

It-tieni, l-imħabba, li tnissel l-ordni mill-konfużjoni tat-tiġrib. Permezz tal-kliem. Billi kull kelma li tintuża ġġarrab speċi ta' mewt, u mbagħad titwieled mill-ġdid, u b'hekk iġġedded il-ħolqien. Bix-xbihat tipiċi tad-diskors tal-poeżija, il-bniedem jgħaddi lil hinn mill-qasam tal-filosofija, għax il-ħsieb imżewweġ mal-imħabba ma jagħtikx biss ir-ritratt tad-dinja kif inhi, bil-figura ta' issa, li tgħaddi; imma wkoll il-prefigurazzjoni ta' dinja oħra, li ġejja u ma tgħaddix. Il-poeżija tinkarna fix-xbihat l-iskoperti li huma l-frott tat-tiftix.

Il-poeżija ta' Dun Karm fiha dak li l-Franċiżi jsejħu "mise-en-abime" – jiġifieri riflessjoni fuqha nfisha, awtoanaliżi, fl-att stess tas-sintesi ta' ħidmet il-moħħ ma' ħidmet il-qalb. F'din it-taħdita nixtieq nuri kif dan iseħħ f'*Il-Jien u Lil Hinn Minnu* u b'hekk inwettaq il-wegħda li kont għamilt meta ppreżentajt l-edizzjoni tal-poema li għamel il-ħabib u kollega Oliver Friggieri meta ta lill-poema libsa editorjali tassew tixirqilha.

*Tiftix u tnissil*: ħsieb u mħabba. Iż-żewġ elementi essenzjali tal-poeżija huma l-istess li jagħtu tifsira lill-eżistenza umana. L-ewwel kelma tal-"Jien" hija: "Ħsiebi". L-ewwel attur li jitfaċċa fuq il-palk imħejji għar-reċta ta' ħajjet il-bniedem huwa l-Ħsieb. Imma jidħol "bħal agħma" – f'dalma totali, fi *blackout* fejn ebda sinjal ma jilma, ħlief biss it-tektik tal-għasluġ tal-poeżija, li jtul għall-ewwel strofa u jxeblek għal fuq ta' warajha, it-tektik ta' żmien l-istennija.

Mat-tieni strofa, jidħol fuq dan il-palk kollu swidija, it-tieni attur, jew aħjar attriċi – l-attriċi prinċipali, jisimha "Qalbi". Bħal fid-diversi kwadri ta' Botticelli li jirrappreżentaw it-twelid ta' Venere, l-Imħabba tidher hawnhekk dieħla fi proċess dijalettiku. U jeħtieġli mill-ewwel ingħid li għalija dejjem kienet sorpriża li nisma' kummentaturi awtorevoli tal-poeżija ta' Dun Karm donnhom jinfixlu u ma jarawx ċar sewwasew liema hija din id-dijalettika, minkejja li Dun Karm innifsu jiddikjaraha bl-aktar mod espliċitu u kristallin.

Kien hawn min qal li l-poema turina l-konflitt bejn il-Fidi u r-Raġuni. Ma naf li hemm xejn f'Dun Karm li jistidinna naħsbu f'dawn it-termini. Nafu li Dun Karm midħla tal-metodu ta' Santu Wistin (li sejjaħlu "l-ikbar u l-ifjen filosofu"): *Credo ut intelligam*, nemmen biex nifhem. Infatti, il-ħsieb u l-istruttura ta' *Il-Jien u Lil Hinn Minnu* huma prefigurati fiż-żewġ poeżiji saffiċi twal *Lil Santu Wistin* u *Il-Mewt ta' Santu Wistin* li juru biċ-ċar il-mudell li fuqu mexa Dun Karm. M'hemm xejn li jindika li jħaddan il-metodu ta' Terulljanu: *Credo quia absurdum*: nemmen għax ma nifhimx. Huwa biss meta tiżbalja r-Raġuni (billi tħalli barra l-Imħabba) li tista' ġġib konflitt mal-Fidi. Dun Karm mhux talli mhux fideista, iżda lanqas biss iħossha din il-problematika.

Kien hawn ukoll min ra l-konflitt bħala bejn ir-raġuni u l-intwizzjoni jiġifieri bejn żewġ modi ta' ħsieb – ir-raġuni li tipproċedi minn premessi għall-konklużjonijiet u l-intwizzjoni li tmur dritt għall-verità f'leħħa. Din id-dijalettika għandha wkoll post kbir daqs dik bejn il-fidi u r-raġuni fl-istorja tal-filosofija imma ma jidhirx li kellha wisq

importanza għal Dun Karm. Mhix l-epistemoloġija li kienet qiegħda tkiddu, imma l-eskatoloġija; u meta jgħid:

*Ġo fija bdiet taħdita ħierqa*
*bejn ħsiebi u qalbi,*
(vv 221-222)

ma nara ebda ġustifikazzjoni għaliex għandna nidentifikaw il-ħsieb ma' għamla waħda tiegħu – ir-raġuni – u l-'qalbi' mal-għamla l-oħra – l-intwizzjoni. Le, Dun Karm huwa espliċitu: il-laqgħa mixtieqa u l-għaqda meħtieġa kellha tkun fi kliemu, bejn "id-dawl tal-għaqal" u l-"qawwa tal-imħabba".

It-tema ċentrali tal-poema ta' Dun Karm, bħall-essenza tal-poeżija, hija dik li nsibu miġbura fl-isem ta' ktieb ta' segwaċi ieħor ta' Santu Wistin, Martin D'Arcy: *The Meeting of Knowledge and Love*. Huwa l-ħsieb li D'Arcy innifsu ġabar f'dawn il-kliem: *Intellect and love work together in a reciprocal relationship, love being a blind beggar and intellect a cripple with good sight sitting on the shoulders of love*. Innotaw kemm din ix-xbieha, li wkoll tippersonifika lill-Ħsieb u lill-Imħabba f'allegorija ċkejkna tixbah lix-xbieha ta' Dun Karm fejn il-ħsieb 'imexxi' l-imħabba b'dawlu, jurih id-direzzjoni, imma huwa zopp, u waħdu m'għandux ħila jimxi 'l quddiem bil-ħeffa, u jeħtieġlu 'jintrifed' – dik hi l-kelma ta' Dun Karm – mill-qalb. Jeħtieġlu l-appoġġ, is-sostenn, l-irfigħ fuq spallejn l-Imħabba, b'qawwitha, biex mhux biss jara lil fejn għandu jimxi, imma biex tassew jimxi, u bir-ritmu armonjuż meħtieġ ħalli jasal fejn jara li għandu jasal. Bejn il-moħħ u l-qalb, jew l-għaqal u l-imħabba, m'hemmx oppożizzjoni ta' kontradittorjetà, u lanqas ta' kuntrarjetà. Mhumiex bħall-abjad u l-iswed, u lanqas bħal kelb u qattus. Huma bħal raġel u mara, differenti u kumplementari, il-wieħed jeħtieġ lill-oħra, it-tnejn b'xi ħaġa nieqsa jekk ma jkunux flimkien, it-tnejn flimkien jagħmlu bniedem sħiħ. Bejniethom ebda taqtigħa, imma "taħdita ħierqa", djalogu minsuġ minn riċerka li twassal għall-kreattività.

Jekk dwar dan il-punt – l-identità tal-protagonisti tad-djalogu – il-kummentaturi ġieli, fil-fehma tiegħi, ma rawx ċar, ħadd minnhom ma nfixel dwar in-natura tad-dalma, tas-swidija, tal-lejl li huwa l-ambjent tal-bidu tad-dramm.

Dan huwa d-dell tal-mewt.

M'hemm ebda ħtieġa li nisħaq dwar dan. Min qara l-edizzjoni tassew sabiħa, li ma niddejjaqx għal darb'oħra nfaħħarha, li tana l-Professur Oliver Friggieri tal-poema ta' Dun Karm, jaf li l-kitba tal-poema hija marbuta ma' żewġ ċirkostanzi: il-mewt ta' Ġannina Pisani u t-traduzzjoni tas-*Sepolcri* ta' Foscolo. L-argument ċentrali tal-poeżija huwa sewwasew dwar il-mewt. Forsi hawn ta' min infakkar li mhix biss is-saffika msejħa *Il-Mewt ta' Santu Wistin* li titqaffel madwar it-tema tal-mewt u tan-*Non Omnis Moriar* ("Tibqa' l-kelma li ktibt, u magħha d-dija safja ta' ħsiebek") b'mod xi ftit retoriku żżejjed, iżda t-tema tal-mewt hija wkoll il-ħajta ewlenija fin-nisġa tas-saffika l-oħra msemmija *Lil Santu Wistin* u fil-fehma tiegħi ħafna isbaħ:

*Bħala ġorf l-iżjed qawwi li jiftakar*
*Waħda waħda l-ġrajjiet tal-għomor tiegħu*
*Għalkemm iħoss li r-rabta ġewwenija*
*M'għadhiex li kienet*
*U qalbu bdiet tiċkien…*
*U bir-rieda, bil-fehma, b'saħħtu kollha*
*Mal-mewt jissara.*

Imma anki hawnhekk naħseb li jista' jkun ta' siwi li nipprova jiena niġbru l-argument ta' Dun Karm fil-qofol tiegħu fl-aktar qosor possibbli, biex joħroġ kemm jista' jkun ċar.

L-argument huwa dan. Persuna maħbuba – ngħidu aħna, ommok – tmut; b'danakollu, il-preżenza tagħha wara l-mewt tħossha aktar qawwija milli meta kienet ħajja. Mela, il-mewt mhijiex tmiem assolut tal-eżistenza imma bidla fil-forma ta' din l-eżistenza. Aktar preċiżament, hija bidla fil-forma tal-preżenza.

Hawnhekk tajjeb li niftakru żvilupp importanti tad-duttrina ta' Santu Wistin li nsibu f'San Tumas d'Aquino u li aktarx Dun Karm kien studjaha tajjeb ukoll. San Tumas isostni li xi ħadd ikun preżenti jew għax ikun jokkupa l-ispazju, bħalna hawn aħna preżenti f'din is-sala; jonkella meta anki mingħajr ma jokkupa spazju jeżerċita forza jew qawwa xi mkien. Hekk jagħmlu l-ispirti. U Dun Karm jurina li huwa tassew ħass il-preżenza t'ommu mejta. Dan iseħħ fi tliet stadji:

L-ewwel hemm it-tifkira ta' kliem ommu li jiġih f'moħħu fis-sitt strofa, imma dan huwa biss memorja. It-tieni hemm is-smigħ ta' leħinha – "il-leħen moħbi jċanfar" – li jindirizzah fil-ħmistax-il strofa; u dan mhuwiex biss tifkira, imma tfakkira attwali. Tfakkira tal-attwalità tal-misteru tas-salib li d-diwi tiegħu jiddamdam mill-ħolqien kollu; imma l-vuċi weħidha għad ma ssarrafx preżenza umana sħiħa. Ma tistax ma tiftakarx hawn mill-ġdid f'Santu Wistin. F'wiċċ il-mewt, Dun Karm jgħidilna:

*Monika, l-omm ħelwa,*
*Għadha twiddeb u twissi, għadha ċċanfar,*
*Tagħder, tistenna u taħfer; għadha tħares*
*Kif omm taf tħares.*

Il-konvinzjoni tal-eżistenza u l-preżenza f'miljietha t'ommu l-poeta jiksibha, fl-istrofa 24, meta jħoss fil-mument ta' issa mħabbitha taħraq għalih, xejn inqas dak il-waqt, meta kienet ilha li mietet, milli fiż-żmien ta' qabel, meta kienet għadha ħajja.

Il-poeta jitkellem minn esperjenza personali, imma li ma jqishiex suġġettiva, għaliex hija esperjenza li kull min ħabb tassew iġarrabha. Kieku min imut ma jibqa' jeżisti xejn, jew jibqa' jeżisti biss fil-memorja, ma kienx ikun possibbli la tħobbu u wisq anqas tinħabb minnu, għaliex ix-xejn ma jista' jkollok ebda relazzjoni jew rabta miegħu, u wisq inqas jista' x-xejn jaġixxi u jaħdem fuqek. Għalhekk il-poeta jikkonkludi:

*Le! L-imħabba ma tmutx! L-imħabba tisboq*

*kull żmien u tofroq dik is-satra sewda…*
li hi l-mewt. Din mhix ħlief it-tifsira Pawlina tas-Salib. Il-mewt tidher għal mument rebbieħa; iżda l-imħabba hija aktar qalila, aktar qawwija mill-mewt. Il-mewt jirnexxilha teqred tassew biss fejn ma kienx hemm imħabba qawwija biżżejjed, imma meta l-Imħabba laħqet l-aqwa tagħha, allura dak li jseħħ huwa biss bidla fil-forma tal-preżenza, fl-espressjoni tal-eżistenza, li ma tibqax aktar murija bl-okkupazzjoni tal-ispazju minn korp bi tliet dimensjonijiet, imma bl-eżerċizzju tal-forza, tal-qawwa, tal-enerġija, tal-imħabba li tinħass f'post determinat – sewwasew fil-persuna ħajja li tibqa' tħobb u tinħabb mill-persuna mejta.

Ħassejt li kien siewi li nfisser l-argument dwar il-mewt, biex nipprova nneħħi l-ideat li xterdu dwaru, u li nqishom żbaljati jiġifieri li Dun Karm b'xi mod jiċħad ir-raġuni f'isem il-fidi, jew l-intwizzjoni. Għall-kuntrarju, huwa jippretendi li jippreżenta argument rigorożament raġunat. Imma ma jippretendix li l-prova tal-eżistenza wara l-mewt tista' tingħata bħalma ħasbu Sant'Anselmu, Descartes, u Leibniz, li setgħet tingħata l-prova tal-eżistenza t'Alla bl-argument imsejjaħ "ontoloġiku" – jiġifieri biss bl-analiżi loġika tal-ideat. Jaħseb bħal San Tumas dwar il-provi tal-eżistenza t'Alla li dawn iridu jinħadmu mir-raġuni, bil-loġika, fuq il-bażi tal-esperjenza, fuq is-sies tat-tiġrib tal-ħajja u d-dinja. U l-esperjenza u t-tiġrib li għandha bżonn ir-raġuni biex tibni l-prova tal-Immortalità huma sewwasew l-esperjenza u t-tiġrib tal-imħabba. Hekk tgħid, espliċitament, il-Qalb lill-Moħħ, fil-poema:

*Int mexxini bid-dawl tal-għaqal – jiena*
*nirfdek bil-qawwa tal-imħabba – u nirbħu.*
(vv 258-260)

Hemm ħafna iżjed x'jingħad dwar il-kontenut filosofiku tal-poema. Imma ma rridx intawwal iżjed dwar dan, għax kif għedt fil-bidu t-teżi ġenerali tiegħi hija li l-ħsieb jew il-filosofija tidħol biss bħala element li jindika direzzjoni. Hija mbagħad l-inkarnazzjoni tal-ħsieb f'ġisem, li jintgħaġen max-xbihat, b'ħidma li nistgħu letteralment insejħulha "amoruża" li tnissel il-poeżija – dik l-għamla ta' poeżija li jirnexxilha tesprimi l-eżistenza temporali fil-projezzjoni tagħha lejn l-eternità.

Waħdu l-ħsieb huwa zopp; u *Il-Jien u Lil Hinn Minnu* ma kinetx tkun poeżija sabiħa li kieku l-ħsieb ma kienx inkarnat fi struttura mirfuda mix-xbihat. L-istruttura nfisha għandha funzjoni integrattiva. Il-poeżija hija qabelxejn lingwistika – jiġifieri magħmula mill-kliem, minn ħsejjes u ittri, minn elementi materjali li jikkostitwixxu l-ġisem tal-kliem, u dan il-ġisem għandu sehem importanti fit-tifsira tagħhom. Ix-xbieha aktarx toħroġ mix-xokk tat-tlaqqigħ bejniethom tal-kliem aktar milli mis-suġġestjoni tal-kelma iżolata. Ix-xintilla li toħroġ mix-xokk tat-tlaqqigħ tal-kliem jixgħel fil-logħob tan-nar. Fil-fehma tiegħi huwa l-moviment strutturat, ir-ritmu tat-trajjetorja tal-ħsieb li jagħti ruħ lix-xbihat. Il-punti fissi tal-poeżija, ix-xbihat, huma t-traċċi misluta mill-passaġġ tal-ħsieb, u l-indiċijiet tal-mixja tal-ispirtu attravers l-isfera tal-ispazju u ż-żmien. Hija din id-dinamika li huwa xogħol il-kritiku letterarju li jaqbad.

M'għandix dubju li l-aħjar mod biex wieħed jifhem l-istruttura ta' poema bħal *Il-Jien u Lil Hinn Minnu* hija l-mużika. Kulħadd jaf li l-forom strumentali tal-mużika oċċidentali moderna, jiġifieri ta' wara r-Rinaxximent, inbnew b'paralleliżmu mal-forom tad-diskors verbali bl-istess regoli li jiddeterminaw il-funzjoni melodika-espressiva tal-frażijiet mużikali, filwaqt li r-ritmu jissejjes fuq l-alternanza regolari u kostanti ta' arsi u tesi, li tqieset bħala naturali, imxebbha saħansitra mal-pulsazzjonijiet tal-organiżmu, mat-taħbit tal-qalb u l-infiħ tan-nifs, nistgħu ngħidu bħat-tektik tal-għasluġ: tokk, skiet, tokk.

Il-forom mużikali ewlenin – sonata, sinfonija, kunċert, kwartett – huma strutturi mdaqqsin, b'sensiela ta' episodji, differenzjati fil-moviment, (fit-temp u l-andament) skont il-kontenut li jridu jesprimu. Kollha ħarġu mis-sonata. Fis-sinfonija l-mużika saret diskors uffiċjali, aktarx solenni, indirizzat lil kulħadd, ixandar veritajiet magħrufa u meqjuma, bl-użu tar-riżorsi tekniċi kollha tal-istrumenti. Fil-kunċert, saret djalogu spettakolari bejn is-solist jew is-solisti u l-orkestra. Fil-kwartett saret konverżazzjoni 'da camera' bejn ftit ħbieb. U s-sonata nfisha baqgħet id-diskors intimu, x'aktarx ġewwieni, dejjem aktar kollokju tal-kompożitur miegħu nnifsu, bil-pjanuforti dejjem aktar imħaddem b'immedjatezza u personalizzazzjoni.

L-istruttura ta' *Il-Jien u Lil Hinn Minnu* hija dik ta' Sonata. Tiġini f'moħħi, pereżempju, is-Sonata 26 ta' Beethoven, Mi Bimoll Maggiore, Opus 81a wkoll impernjata fuq it-tema tal-mewt. Minkejja d-differenzi li l-forma tippermetti, l-istruttura bażika ta' Sonata hija l-istess. Ma rridx hawn nidħol wisq fid-dettall, imma nibqa' biss fuq linji ġenerali. Sonata dejjem tibda bil-preżentazzjoni ta' żewġ temi importanti u aktarx kontrastanti fi kjavi differenti. Hekk jagħmel Dun Karm. L-ewwel strofa tintroduċi t-tema tal-ħsieb: kważi nistgħu ngħidu fil-kjavi ta' Re Minore, li l-istess Beethoven jingħad li sejħilha l-kjavi tas-swidija, u l-istess użu kien għamel minnha, b'mod aktar iswed, Johann Sebastian Bach. It-tieni strofa tintroduċi, fi kjavi li konna nqabbluha mar-Re Bimoll Maggiore, kieku kellna napplikaw l-iskemi tal-kromatiżmu mużikali ta' Rimsky-Korsakov u Scriabin, it-tema tal-Qalb. Wara din is-sezzjoni qasira espożittiva, issegwi s-sezzjoni msejħa transizzjonali, fejn id-diskors huwa modulat fi kjavi b'parentela mbiegħda. Dun Karm joħodna, fit-tielet strofa, f'ambjent pastorali: 'ward ilellex' u 'għasafar… jgħannu' … 'dehra ħelwa… li bennitni f'ħolma ta' poeżija u bħal raqqditli s-sensi', u fir-raba' strofa, fil-beraħ infinit taħt is-sema bla tarf, u ħdejn il-baħar. Imbagħad isegwi l-iżvilupp tat-temi, bit-tliet fażijiet li diġà semmejt immarkati mit-tliet interventi tal-omm: it-tifkira tagħha, fi tfulitu, ħajja f'din id-dinja, memorja tal-imgħoddi; il-vuċi tagħha tkellmu, leħen moħbi, ta' ruħ mingħajr ġisem, jindirizzah fil-preżent; imbagħad, l-antiċipazzjoni tal-komunjoni sħiħa fl-imħabba mill-ġdid magħha, fil-ġejjieni, meta jinsebaq iż-żmien fl-eternità. M'għandix ħin nidħol fl-irqaqat, imma rrid insemmi għall-inqas sensiela waħda mix-xbihat li għedt jikkostitwixxu t-traċċi tal-passaġġ tal-ispirtu fid-dinja materjali. Dawn huma t-tliet għasafar (jew aħjar l-erba') li jsemmgħu leħinhom fit-tliet episodji tal-poema: ir-rużinjol, il-bufula, u l-par ħamiem.

Naħseb li meta fit-tielet strofa – li tikkorrispondi mal-moviment transizzjonali tas-sonata jew tas-sinfonija – nisimgħu:

*smajt lill-għasafar moħbijin fix-xuxa*
*tal-fraxxnu u tal-ħarrub jgħannu l-għanja*
*ferrieħa tal-imħabba…*
(vv 19-21)

huwa diffiċli li ma tismax bħall-eku tal-vjolini li jevokaw il-kor tal-għasafar fl-episodju ta' biswit ix-xmara fis-Sinfonija Pastorali. Hawnhekk Beethoven aktar milli jimita, jissublima l-kant tal-għasafar, imma fil-kadenza tal-aħħar juża l-fagott u l-flawt u l-istrumenti l-oħra tal-għuda biex isemmgħalna l-kant vespertin ta' tliet għasafar, li jsemmihom fil-partitura: il-bufula, is-summiena u d-daqquqa kaħla, qabel ma permezz ta' ftit battuti jniżżel is-siparju tal-lejl, u d-dlam iħaddan ix-xena.

Dun Karm ukoll, wara l-kor tal-għasafar fl-istrofa tat-transizzjoni, isemmilna l-għana differenti ta' tliet tipi t'għasafar. L-ewwel fir-raba' strofa:

*– għannej waħdieni*
*fis-skiet tal-lejl, ir-rużinjol iwieġeb*
*b'leħen imbikki,*
(vv 37-38)

fi dwett mal-mewġ iħaxwex fuq ix-xtajta, "dik il-għanja ċkejkna li tħannen għall-mistrieħ", u jissokta fil-ħames strofa:

*moħbi*
*ġo siġar moħbijin – ruħ imbikkija –*
*hemm kien ir-rużinjol itenni l-għanja*
*li għallmitu l-imħabba; – poeżija*
*ħelwa li traqqad ix-xejriet tal-ġisem.*
(vv 52-56)

Dan jipprepara, wara ftit versi ħorox minn fomm il-poeta, għat-tifkira ta' kliem ommu dwar it-tjieba t'Alla li "jitma' l-għasafar".

It-tieni moviment tal-poema jibda bi żvilupp twil ta' erba' strofi dwar is-silenzju tal-oqbra, u bil-mistoqsija ripetuta: "X'inhi l-mewt?". Imbagħad jinstema' t-tieni għasfur, jew aktar preċiżament din id-darba hija għasfura:

*Minn ġo ħarruba*
*tasal il-għanja ta' bufula. Mgħaġġeb*
*indawwar ħarsti u nara lill-għasfura*
*ċkejkna tittajjar minn għasluġ għal ieħor*
*fuq ruħha, lventa, u fuq kull fergħa tgħanni.*
(vv 150-154)

Ir-rużinjol raġel tfaċċa qisu l-għelm tal-ambigwità. Moħbi u mbikki, l-għanja tal-imħabba paradossalment issaffi l-erotiżmu; xbieha oskura tal-imħabba sagrifikali. Il-bufula, mara,

għasfura li, kif iddeskriviha tajjeb il-poeta, dejjem titħarrek, u bla kwiet f'ġisimha hi kontra tal-ieħor li b'leħnu "jraqqad ix-xejriet tal-ġisem". Din isservi ta' preludju, bl-intervall bħal qabel tal-mistoqsijiet imgħaddba tal-poeta, għat-tieni intervent tal-Omm. Din id-darba l-Omm lil binha tapostrofizzah fil-preżent – b'diskors twil strofa ta' xejn inqas minn sebgħa u tletin vers. Id-diskors jiżvolġi tema introdotta fit-teoloġija tan-novissimi minn Santu Wistin, u fformulata minn San Tumas fil-famuża frażi *desiderium naturale non potest esse imane*: "Xewqa naturali ma tistax tkun bla temma." Frażi mill-aktar li qanqlu kontroversji fl-istorja kollha tat-teoloġija. Dun Karm jgħidha hekk:

*Għax jekk min sawwar din il-qalb u fiha*
*kebbes xewqat akbar miż-żmien u l-wisa'*
*jiċħdilha t-temma, jiċħad lilu nnifsu.*
(vv 385-387)

M'iniex se nieqaf nikkummenta hawn, imma ninnota biss il-bidla fil-lingwa tal-Omm. Fl-ewwel intervent ta' kliemha meta kienet għadha ħajja, il-kontenut u l-istil it-tnejn kienu ta' mara Maltija tar-raħal. Issa d-diskors kemm fil-kontenut u kemm fl-istil huwa ta' teologu mkisser, bħal ta' Beatrice fis-sema ta' Dante. Imma ma niqfux fuq dan, inħarsu biss lejn il-qafas. Isegwu żewġ strofi ta' dibattitu interjuri bejn il-Moħħ u l-Qalb; u tkompli l-Omm id-diskors tagħha, b'żewġ strofi ta' erbgħa u għoxrin vers bejniethom, din id-darba b'espożizzjoni tat-*Teologia Crucis*, jiġifieri tar-rabta bejn is-siġra ta' Adam u s-siġra tas-Salib u d-dijalettika tal-Għerf u tal-Imħabba; u l-aħħar kelma mlissna mill-Omm tibqa' tidwi b'eku kożmiku għal strofa sħiħa, twila, oħra.

It-tielet moviment jibda fil-poeta fil-misraħ taż-żewġ toroq imsemmija fit-titlu tal-poema b'meditazzjoni ta' erba' strofi, sakemm din id-darba l-Omm tantiċipa l-għasfur u tidher in persuna:

*Waqaft. Sabiħa fil-ġmiel kollu tagħha*
*dehret quddiemi x-xbieha t'ommi: Ħelwa*
*kienet id-daħka fuq xofftejha; ħelwa*
*id-dija rżina ta' ħarsitha: ħelu*
*dak wiċċha qamħi taħt il-kobba bajda*
*ta' dlielha bellusin: u jien ħabbejtha*
*lil din ix-xwejħa fl-hena ta' tfuliti*
*fil-milja tar-rġulija, u għadni nħobbha…*
*Le! L-Imħabba ma tmutx!*
(vv 372-382)

Qegħdin hawn fil-quċċata tal-poema; u minn din il-quċċata l-poeta jilmaħ:

*fuq ħajt ta' dwejra*
*ftit 'il bogħod minni, żewġ ħamiem tal-barr,*
*bħalkieku mxaħxaħ f'dik id-dija fietla*
*tax-xemx ħanina, kien jitbewwes f'ħolma*
*ta' xi bejta fil-blat fejn ebda regħba*

*ma tasal kiefra; anqas ta' riħ jew xita*
*ma tiżżarġan il-qilla…*
(vv 412-418)

Mhux aktar – issa li l-Imħabba ssieħbet mal-ħsieb, li l-moħħ u l-qalb bdew iħabirku flimkien – għasfur raġel waħdu jmewwet il-ġibdiet tan-natura bl-istess għana tal-imħabba, mhux aktar għasfura mara waħidha taħli l-enerġija fi tferfir u titjir inutli; issa l-ħamiem huma par, kuntenti, għalkemm joħolmu li jsibu bejta isbaħ. Fis-Sinfonija Pastorali, Beethoven isemmgħalna t-tħammim tal-ħamiem fil-bidu nett tal-ewwel moviment, għax l-istruttura tagħha hija dik ta' ġurnata ferħana fil-kampanja li tibda maż-żerniq u tasal sal-lejl. Dun Karm jurina l-par ħamiem lejn it-tmiem, għax il-poema tiegħu tibda fil-qalba ta' lejl dlam samm u tintemm maż-żerniq tal-ħajja ta' dejjem. Għall-Insara xejn inqas milli għar-Rumani Pagani, kif tixhed l-arti tas-sekli bikrin, il-ħamiem kien xbieha tal-Ispirtu ħallieq, tat-tiġdid tal-ħajja fis-sliem. Hawn Dun Karm jurina l-par ħamiem magħquda fi mħabba naturali li hija l-prefigurazzjoni ta' komunjoni aktar sħiħa f'hena li xejn ma jnikket il-perfezzjoni tagħha.

Il-poema tkompli b'sitt strofi oħra li jikkorrispondu għall-għeluq tas-sonata u tal-forom l-oħra mużikali derivati minnha. Is-sezzjoni finali tissejjaħ rikapitulazzjoni, għax fiha ġeneralment iż-żewġ temi ewlenin imħabbra fil-bidu jiġu rikonċiljati fi kjavi waħda. Hekk ukoll Dun Karm jagħlaq fit-ton ta' marċ trijonfali, jiċċelebra ż-żwieġ tal-moħħ u l-qalb u r-rebħa fuq il-biża' tal-mewt.

Huwa evidenti, nittama, li bl-ebda mod f'din it-taħdita ma ppruvajt nagħtikom kummentarju eżawrjenti dwar il-poema ta' Dun Karm. Ta' dan m'hemm l-ebda bżonn, għax hemm il-ktieb tal-Professur Friggieri. Dak li ppruvajt nagħmel jien kien biss li nuża *Il-Jien u Lil Hinn Minnu* biex neżemplifika fehmti dwar ir-relazzjoni bejn il-Filosofija u l-Poeżija. Ridt nuri li l-ħsieb – mhux ħsieb ta' kafkaf, imma ħsieb filosofiku – iservi biex jagħti direzzjoni u orjentament lil mixja, lill-moviment, li tħalli warajha struttura mużikali, miżgħuda bi traċċi li huma x-xbihat. Fost dawn, minn *Il-Jien u Lil Hinn Minnu* għażilt ix-xbihat ornitoloġiċi. Fihom Dun Karm juri kemm realiżmu ta' preċiżjoni kbira, kif ukoll jisfrutta d-dimensjoni simbolika assoċjata magħhom. Iżda stajt ħadt ħafna oħrajn minflok l-għasafar. Stajt, pereżempju, analizzajt il-pajsaġġ u l-bdil tax-xenarju, mill-imsaġar bil-pjanti veri, imma għonja b'simboliżmu sħiħ xejn anqas mit-tjur, sal-baħar li kulħadd jaf kemm huwa importanti fil-poeżija ta' Dun Karm.

Stajt analizzajt is-sekwenza taż-żmien, bit-tibdil tal-ħin u tat-temp, maħdumin fix-xoqqa tal-poema bl-istess naturalezza li taħbi mill-qarrej superfiċjali d-dimensjoni simbolika tagħhom. Imma nittama li l-eżempji li għażilt u li ma fettaqtx fihom daqskemm b'aktar ħin u reqqa jista' jagħmel kull qarrej, kienu biżżejjed bħala xhieda tal-funzjoni tax-xbihat fil-poeżija – is-sinjali mħollija mill-passaġġ tal-ħsieb li xtaqt nurikom.

Din hija l-opra tal-imħabba tal-poeta għad-dinja. Fil-bidu għedt li l-imħabba tnissel l-ordni mill-kapaċità tat-tiġrib, u dan billi l-kliem iġarrab speċi ta' mewt tal-individwalità tiegħu billi jidħol f'rabta ma' kliem ieħor u hekk jagħti dehra ġdida lid-dinja. Hekk il-kliem fil-poeżija jisfa' xbieha tal-misteru tas-Salvazzjoni, tal-Kelma divina li ħadet ġisem, mietet fuq is-Salib u tat lilna u lill-ħolqien il-possibiltà tal-Qawmien għal dejjem.

**Żidiet bi tweġiba għall-kummenti li saruli**

*Minn Mro Charles Camilleri*

Għall-ewwel, minħabba s-sura drammatika ta' *Il-Jien*, bdejt nistħajjel il-poema bħala kantata għal erba' vuċijiet – il-Moħħ, il-Qalb, l-Omm, il-Poeta – u kont bdejt b'analiżi tal-kisra differenti akustika, barra milli stilistika, ta' dawn l-erba' ilħna ewlenin, differenzjati sewwa bejniethom, li Dun Karm isemmgħalna. Malajr intbaħt li l-istruttura mużikali vera ma kinetx imfassla għal kant bi stil Taljan, iżda b'paralleliżmu ma' kompożizzjoni strumentali bħalma hi s-sonata. Waqt li fl-Innijiet Dun Karm jinqeda mhux biss b'metrika, imma wkoll b'ritmi Taljani, mhux hekk fl-aqwa poeżiji tiegħu bħalma hi *Il-Jien*. Dawn ma jaqblu xejn mal-forom mużikali Taljani għall-vuċijiet ta' dawn l-aħħar sekli, għax huma mibnija fuq ir-ritmi tad-diskors Malti mitkellem, u forsi aktar jaqblu mal-forom aktar antiki tal-mużika tal-Mediterran.

Dwar kemm kien konxju Dun Karm ta' dan, ma nafx biżżejjed dwar il-kultura mużikali tiegħu, għalkemm jiena stess smajtu jdoqq il-pjanu. Il-Professur Peter Vassallo, wieħed mill-qraba tal-poeta, qalli li Dun Karm ġieli bagħat il-bidu ta' poeżiji li kien qed jikteb lin-neputija Karmena (in-nanna tal-Professur Vassallo) b'nota: "dawn l-ewwel battuti…" L-użu ta' terminu mużikali f'dan il-kontest jidhirli li huwa sinifikattiv ħafna.

Parti mill-ħsieb tiegħi f'din it-taħdita kien dak li nipproponi stħarriġ sħiħ tar-relazzjoni tal-poeżija mal-mużika f'Dun Karm, forsi anki fid-dawl ta' dak li Charles Camilleri kiteb, flimkien miegħi, dwar ir-relazzjoni bejn il-mużika, il-lingwa, il-ħsejjes u l-ħemda ambjentali.

*Mill-Professur Franco Lanza*

Naqbel li l-poeżija bit-Taljan ta' Dun Karm hija idjomatikament u metrikament perfetta, imma nieqsa mir-risonanzi assoċjattivi u mill-polivalenza ta' tifsiriet tax-xorta li jiena rrilevajt f'*Il-Jien* u li bihom l-aħjar poeżija ta' Dun Karm bil-Malti hija tassew għanja. Fil-fehma tiegħi, meta Dun Karm qaleb mit-Taljan għall-Malti nbidel ukoll minn poeta fidil lejn it-tradizzjoni ottoċenteska għal poeta tas-seklu tagħna.

*Mis-Sur Ġużè Cassar Pullicino*

Naħseb li l-"agostiniżmu" ta' Dun Karm huwa anki iktar fond fil-poeżija tiegħu milli wrejt jiena. Pereżempju, jista' jkun li t-tliet movimenti ta' *Il-Jien* (fejn jiena stħarriġt kważi biss l-għasfur li jidher f'kull wieħed minnhom, għanjietu u l-fasla mużikali) għandhom sfond Agostinjan. Santu Wistin, kif kulħadd jaf, kien jara rifless tat-Trinità fl-istruttura psikoloġika tal-bniedem: memorja, fehma, rieda. Kif semmejt fuq, l-ewwel mit-tliet interventi tal-Omm fil-poema huwa bħala memorja. U l-fakra taqdi eżattament il-funzjoni li attribwielha Santu Wistin, b'logħba bil-kliem li tibqa' effettiva anki maqluba mil-Latin għall-Malti – tgħinek "tiġi f'sensik". Hekk tgħin biex jittieħed pass lejn l-għarfien tad-dgħufija tal-bniedem bħala sinjal ta' dipendenza minn Alla. Hekk – bl-użu tajjeb tal-'memorja' – tibda l-*Confessio*, kif sawwarha Santu Wistin: fl-istess ħin, xilja tiegħek innifsek u innu ta' tifħir lill-Ħallieq, stqarrija fl-istess ħin ta' ħtija min-naħa tal-bniedem u ta' grazzja min-naħa tal-Missier. Tibda bl-awtokuxjenza, bl-awtobijografija, b'xogħol il-memorja, biex twassal għal *fehma*.

L-operazzjoni tal-fehma, it-tieni fakultà tar-ruħ li tirrifletti t-tieni Persuna tat-Trinità, tidher skont Santu Wistin fl-espressjoni tagħha bil-kelma. Dan jaqbel mat-tieni intervent tal-Omm, li ssemma' leħinha, mingħajr ma sseħħ il-preżenza attwali tagħha. L-amplifikazzjoni retorika li biha Dun Karm hawnhekk jirrendi l-amplifikazzjoni tal-ħoss tal-leħen jidwi mal-ħolqien hija invenzjoni letterarja fl-istil l-aktar tipiku ta' Santu Wistin.

It-tielet intervent huwa l-mument tar-*rieda*, tal-Ispirtu s-Santu, tal-ħamiem jinħabb, tal-komunjoni. Il-qofol tat-tagħlim kollu ta' Santu Wistin huwa sewwasew dan: jekk tiftakar f'Alla, u allura taħseb fih bis-serjetà, issir tħobbu, u tikseb l-għerf fis-sura waħdanija li fiha jista' jurih il-bniedem – il-qima lejn it-Trinità!

Ma kellix il-ħin biex infittex dwar sewwasew xi studji dwar Santu Wistin kien għamel Dun Karm. Semmejt id-differenza li hemm bejn *Fil-Mewt ta' Santu Wistin* (bil-kelma Pagana tal-*kelma* aqwa mill-mewt) u *Lil Santu Wistin* (ukoll impernjata dwar il-mewt, iżda bit-tema Pawlina ta' "l-*imħabba* aqwa mill-mewt"). Għedt ukoll li ma naqbilx mal-Professur Friggieri fil-paragrafu fejn jitkellem dwar "għażla filosofika bejn ir-raġuni u l-intellett", imma bħalu nara x-xebh bejn il-ħsieb ta' Dun Karm u dak Eżistenzjalista, speċjalment Kierkegaard. Ma nissopponix li Dun Karm kien qrah, iżda xorob mill-istess għajn: Santu Wistin. (B'danakollu, ma naħsibx li l-assimilazzjoni tal-"Jien" mal-"eżistenza" u ta' "Lil Hinn minnu" mal-"essenza" hija sostenibbli).

Fost ħwejjeġ oħra, il-Professur Friggieri nnota r-rilevanza tal-parti tal-għasafar fil-famuża prietka ta' Kierkegaard mibnija fuq id-diskors ta' Kristu: "Araw l-għasafar tal-ajru u l-ġilji tal-widien". Ma' dan nixtieq inżid li t-tematika ta' Kierkegaard hawnhekk għandha wkoll sottofond patristiku, barra milli f'Santu Wistin, anki f'San Ġirolmu (Ittri 22 u 29), San Pawlinu ta' Nola (Ittra 40), u oħrajn li hemm wisq aktar probabiltà li Dun Karm kien jafhom direttament milli l-filosfi Eżistenzjalisti ta' żmienna.